MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Mandat Numru. 890/2007/1

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 890/07 fl-ismijiet:**

**SALV. MUSCAT MARBLES LIMITED**

**vs**

**Godwin SPITERI SACCO eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem *Marble and Granite Works*, Rennie Portelli eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem *R.G.P. Marble Works* u Peter Paul Darmanin eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem *Stone Trading***

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta’ Ġunju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-intimati milli jagħmlu, joffru għall-bejgħ, iqegħdu fuq is-suq, jużaw, jimportaw, jimmanufatturaw, jaħżnu jew

b'xi mod ieħor jispaċċaw fuq is-suq lokali jew milli jħajru lil terzi jagħmlu dan, ossija lapida ta' kull materjal fil-forma ta' qalb u li għandha disin partikolari fil-qiegħ tal-qalb, li tinkorpora parti mwaħħla angolata lill-bażi orizzontali b'bażi waħda fin-nofs u dan għall-finijiet tal-artikolu 27 tal-Kapitolu 417 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ġunju, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa fil-15 ta' Ġunju, 2007, li biha l-intimati laqgħu għat-talbiet tar-rikorrenti billi qalu li l-proċess mhux integru għaliex l-intimat Peter Paul Darmanin m'għandux x'jaqsam mad-ditta Stone Trading u lanqas mal-kwestjoni mqajma mir-rikorrenti, u għaliex lanqas id-ditta R.G.P. Marble Works m'għandha x'taqsam. Żiedu jgħidu li l-lapidi li qegħdin jinġiebu Malta mid-Ditta intimata Stone Trading ma jixbhux dawk li dwarhom il-kumpannija attriċi irreġistrat il-privattiva tad-disinn. Dan minbarra li għadd ta' manufatturi Ċiniżi ilhom ibiegħu u jesportaw lapidi f'dik l-għamla u li d-Ditta Stone Trading ilha ġġib minnhom hawn Malta sa minn żmien qabel ma saret ir-reġistrazzjoni favur il-kumpannija rikorrenti. Għalhekk, jgħidu li r-reġistrazzjoni tad-disinn ma tistax isservi biex twaqqaf lil Stone Trading milli tkompli ġġib f'Malta lapidi bħal dawk. Huma jixlu lir-rikorrenti b'qerq fir-reġistrazzjoni tad-disinn. Fl-aħħarnett, id-Ditta intmata Stone Trading iżżid tgħid li bħalissa hija għandha b'kemm jiswew Lm 3,200 lapidi milquta mit-talba tar-rikorrenti u qegħda titlob li, f'każ li l-Mandat jinħareġ, il-Qorti għandha timponi garanzija fuq ir-rikorrenti biex tagħmel tajjeb għal dik il-konsenja u l-imgħaxijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2007, li bih appuntat ir-rikors għas-smigħ tal-25 ta' Ġunju, 2007;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2007, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-kumpannija rikorrenti trid li l-intimati, jew min minnhom, ma jkomplux joffru għall-bejgħ fuq is-suq Malti lapidi għall-oqbra li għandhom is-sura ta’ qalb fuq pedestall. Ir-rikorrenti hija s-sid ta’ privattiva industrijali (“*patent*”) – magħruf bħala “*Heart Shape Memorial*”[1] – dwar lapidi b’disinn bħal dak sviluppat minnha[2] mogħtija mill-awtorita’ kompetenti f’Malta b’seħħ sa mill-15 ta’ Frar tal-2007[3]. Tgħid li l-intimati, wara dak inhar, bdew iġibu f’Malta minn barra lapidi bħal dawk u jbiegħuhom hawnhekk[4];

Tqis li l-kumpannija rikorrenti tgħid li, wara li żviluppat l-imsemmi disinn, qabbdet kumpannija ċiniża biex tagħmel il-lapidi fuq dak id-disinn[5];

Tqis li t-tifsira mogħtija għad-disinn li bis-saħħa tiegħu l-kumpannija rikorrenti kisbet ir-reġistrazzjoni tal-privattiva jiddeskrivi l-lapide bħala “*in the form of a heart and has a particular design at the bottom of the heart. This part is fixed at an angle to the horizontal base by a single stand at the middle, as shown on attached design. The base of this memorial consists of a horizontal part on which both the vertical part and the stand is fixed*”[6];

Tqis li l-intimati jgħidu li bosta kumpanniji oħra ċiniżi jipproduċu lapidi b’disinn ta’ qalb[7] f’suriet li jixxiebhu bejniethom[8] u li ilhom diġa’ jinbiegħu f’Malta sa minn snin ilu[9];

Tqis li d-ditta intimata Stone Trading temmen li r-reġistrazzjoni tal-privattiva industrijali mill-kumpannija rikorrenti ma tistax twaqqafha milli tkompli ġġib f’Malta lapidi bħalma kienet tagħmel qabel;

---

[1] Dok “D”, f’paġ. 22 tal-atti
[2] Dok “A”, f’paġ. 18 tal-atti
[3] Disinn numru 1375(Dok “B”, f’paġ. 20 tal-atti)
[4] Dokti “K1” sa “K6”, f’paġġ. 25-9 tal-atti
[5] Dok “X”, f’paġ. 19 tal-atti
[6] Dokti “E” u “F”, f’paġġ. 23-4 tal-atti
[7] Dok “ST8”, f’paġ. 12 tal-atti
[8] Dokti “ST1” sa “ST3”, f’paġġ. 5-7 tal-atti
[9] Dokti “ST4” sa “ST6”, f’paġġ. 8 sa 10 tal-atti

Tqis li l-intimati jgħidu wkoll li m'hemmx xebh bejn id-disinn reġistrat favur il-kumpannija rikorrenti u d-disinji differenti tal-lapidi f'għamla ta' qalb li jbiegħu huma;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[10];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[11]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[12];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[13]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-

---

[10] Art. 873(1) tal-Kap 12

[11] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

[12] Art. 875(3) tal-Kap 12

[13] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. Xogħol il-Qorti, meta tiġi biex tara jekk għandhiex tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'huwiex dak li tiddetermina l-kwestjoni bej il-partijiet[14] It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[15]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li l-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni "*di non fare*"[16], u f'dan il-każ dan huwa sewwasew dak li l-kumpannija rikorrenti qegħda tippretendi li jsir;

Tqis li l-intimati ma jiċħdux li saret ir-reġistrazzjoni tal-privattiva favur il-kumpannija rikorrenti. Huma, iżda, jgħidu li dik ir-reġistrazzjoni saret b'qerq u ma tiswiex. Sakemm dik ir-reġistrazzjoni ma titħassarx – u dan jista' biss isir bit-teħid min-naħa tal-intimati jew min minnhom ta' proċeduri maħsuba mil-liġi, jekk jidhrilhom li għandhom jagħmlu dan fis-sede xierqa – jitqies għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi li tiswa u tagħti lis-sid l-effetti kollha tagħha;
Tqis li l-artikolu 27(1)(b) u (ċ) tal-Att XVII tal-2000[17] jagħti lis-sid reġistrat ta' privattiva l-jedd li jżomm lil terzi li, mingħajr ir-rieda tal-istess sid, joffru għall-bejgħ jew li jqegħdu fis-suq prodott li jkun jinkorpora s-suġġett tal-privattiva jew li jħajru lil ħaddieħor li jagħmel hekk;

---

[14] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Vassallo vs Edwin Bartolo et noe.***
[15] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[16] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**
[17] Kap 417

Tqis li l-kumpannija rikorrenti seħħilha turi li, mad-daqqa t'għajn, hija tgawdi l-jedd li dwaru titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li l-ħruġ tal-Mandat huwa meħtieġ, għaliex jekk il-Mandat ma jinħariġx, se' jibqa' jseħħ ksur tal-jeddijiet mogħtijin bis-saħħa tar-reġistrazzjoni;

Tqis li, dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqin mill-intimati, dawn m'humiex ammissibbli f'din l-istanza. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat m'għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[18]. L-ebda waħda miż-żewġ "eċċezzjonijiet" ma tallega dan. Jekk l-intimat Peter Paul Darmanin m'għandu l-ebda konnessjoni mad-ditta intimata Stone Trading, u jekk R.G.P. Marble Works m'għandha l-ebda konnessjoni mal-kwestjoni bejn il-partijiet, ma jolqtux ir-rekwiżiti tal-forma tal-Mandat;

Tqis li l-Mandat, meta jinħareġ, jolqot u jorbot biss lil dawk il-partijiet li jissemmew fih, u kull azzjoni li trid titressaq wara l-ħruġ tiegħu trid issir biss fil-konfront ta' dawk miżmuma bis-saħħa tal-Mandat u mhux kontra ħaddieħor. Huwa fl-ambitu ta' dik il-kawża li kwestjonijiet dwar integrita' ta' ġudizzju jew leġittimita' tal-kontradittur magħżul imisshom jitqajmu;

Tqis għalhekk li m'għandhiex tilqa' l-imsemmija "eċċezzjonijiet" preliminari;

Għal dawn ir-raġunijiet, u billi jirriżultaw l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat:

**Tilqa' t-talba** għall-ħruġ tal-Mandat, bl-ispejjeż kontra l-intimati; u

**Tordna li** r-rikorrenti tressaq il-kawża bil-pretensjonijiet dwar il-jedd imħares b'dan il-Mandat fi żmien għoxrin (20)

---

[18] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)

jum minn dak inhar li tingħata l-avviż imsemmi fl-artikolu 834(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Mogħti kameralment illum, 12 ta’ Lulju, 2007.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------